MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Numru. 542/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**GIOVANNI CAUCHI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Giovanni Cauchi bin Pawlu u Maria nee Muscat imwieled fl-14 ta’ Lulju 1932 u residenti Nru 175, Triq Dr Anton Tabone, Rabat, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 46932G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-10 ta’ Novembru 2003 ghal habta tal-11.00a.m. fi Triq Dr Anton Tabone, Rabat, Ghawdex,

1. Saq il-vettura tieghu Nru JAX-013 ta’ ghamla Hyundai b’velocita` eccessiva (Art 15 (1) (a) Kap 65) u Art

127(1) ta’ l-Avviz Legali 128/1994 kif sussegwentament emendat),

2. Aktar talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar- regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsara fuq vettura Nru IAN-586 ta’ ghamla Mini Metro b’detriment ghal Maria Anna Grima, kif ukoll hsarat ohra f’arblu, zewg fanali u zewg linji tad-dawl b’detriment ghal Korporazzjoni EneMalta, cable b’detriment tal-Melita Cable TV Ltd, kif ukoll xi ballavostri tal-gebel cb’detriment ta’ Carmel Sacco. (Art.38 Kap 9).

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 755, lil Simon Montanaro in rapprezentanza tal-kumpanija Melita Cable TV Ltd, lil Carmel Attard in rapprezentanza tal-Korporazzjoni EneMalta, lil Carmel Sacco, lil Maria Anna Grima u lill-imputat jixhed minn jeddu;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 15 (1) tal-Kap 65, MVR 1271, Legal Notice 128/1994, artikolu 328 tal-Kap 9;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-akkuzi ma jirrizultawx pruvati fil-konfront ta’ l-imputat u dan ghaliex huwa kien fuq in-naha tieghu tat-triq meta harget Maria Anna Grima mix-xellug tieghu u taghtu daqqa u mbuttatu f’arblu li sussegwentement waqa’ fuq proprjeta` ta’ Carmel Sacco;

Ghaldaqstant ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------